# FIL-QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI TAL-KUMMERĊ)

## ONOR. IMĦALLEF
## IAN SPITERI BAILEY LL.M. LL.D.

## Illum, it-Tnejn, 17 ta' Frar, 2025

**Kawża Nru. 3**

**Rik. Nru. 104/2022 ISB**

**Anthony Pace (K.I. 359253M)**

**Vs**

**Marsa Rebar Ltd (C-65986)**
**Bartolo Brothers Holdings Ltd (C-65983)**
**Malcolm Bartolo (K.I. 331484M) u**
**Etienne Bartolo (K.I. 227778M)**

**SENTENZA *IN PARTE* GĦAT-TIENI TALBA ATTRIĊI**

**Il-Qorti,**

Rat **ir-rikors** tar-rikorrent **Anthony Pace**, tas-27 ta' Ottubru 2022, li permezz tiegħu huwa talab lill-Qorti sabiex:-

*(i) Tiddikjara u tiddeċiedi li l-aġir ta' Malcolm Bartolo u Etienne Bartolo, qua diretturi tal-kumpannija MRL u tal-kumpannija azzjonista ta' MRL (BBHL) qed jagħti lok għal sitwazzjoni fejn l-affarijiet ta' MRL qed jitmexxew b'mod li huma oppressivi b'mod mhux ġust diskriminatorji kontra, jew b'mod mhux ġust ta' preġudizzju, għar-rikorrenti qua membru jew b'mod li huma kontra l-interessi tal-membri in ġenerali*

***(ii) Taghti dawk l-ordnijiet kollha li jidhrilha xierqa u opportuni sabiex pendente lite, jkun hemm tmexxija serja u xierqa tas-socjeta` ntimata kif del resto huwa rikjest mill-Att dwar il-Kumpanniji, u dana fl-interess tar-rikorrenti u tenut kont tal-interessi tal-kumpannija ntimata, inkluz, f`kaz li s-sitwazzjoni tal-kumpannija hekk tiggustifika, is-sospensjoni tal-funzjonijiet ezekuttivi tal-konvenuti Bartolo qua diretturi taghha, u l-hatra t`amministratur provvizorju sabiex jaqdi dawk il-funzjonijiet u setghat dwar l-amministrazzjoni tal-beni jew innegozju taghha.***[1]

*(iii) Taghti dawk id-direttivi, provvedimenti u ordnijiet kollha li jidhrilha xierqa u opportuni sabiex tirregola t-tmexxija tal-affarijiet talkumpannija bil-ghan li l-precitati atti oppressivi, diskriminatorji u pregudizzjali jigu rrimedjati minnufih.*

U dan wara li ppremetta:

*Illi l-esponenti jiddetjeni 25% tal-ishma tal-kumpanija intimata Marsa Rebar Ltd (minn hawn 'l quddiem imsejjħa "**MRL**") filwaqt*

[1] ***Bold*** għall emfasi peress illi din is-sentenza parzjali tittratta appuntu din it-talba

*illi l-kumpanija intimata Bartolo Brothers Holdings Ltd (minn hawn 'l quddiem imsejjħa "**BBHL**"), tiddetjeni r-rimanenti 75% tal-ishma ta' MRL, vide estratt tal-MBR hawn anness u mmarkat **Dok A**;*

*Illi l-esponenti, l-intimat Malcolm Bartolo u l-intimat Etienne Bartolo huma t-tliet diretturi ta' MRL;*

*Illi l-intimati Malcolm Bartolo u Etienne Bartolo huma l-uniċi d-diretturi u azzjonisti ta' BBHL, hekk kif jista jiġi evidenzat mill-estratt tal-MBR hawn anness u mmarkat **Dok B**;*

*Illi l-intimati aħwa Bartolo fl-irwol tagħhom bħala diretturi ta' MRL b'mod abbużiv, unilaterali u mingħajr ma involvew lill-esponenti ħadu u għadhom qed jieħdu diversi deċiżjonijiet kontra l-interessi ta' MRL u tal-membri tagħha in ġenerali b'dan illi diversi atti u ommissjonijiet ta' MRL li saru taħt id-direzzjoni tal-intimati aħwa Bartolo kienu, huma u ser ikunu oppressivi b'mod mhux ġust diskriminatorji kontra u ta' preġudizzju għall-esponenti qua membru ta' MRL;*

*Illi huwa pertinenti jiġi rilevat illi l-atti u ommissjonijiet surreferiti bdew jimmanifestaw ruħhom wara illi nqala diżgwid personali bejn l-esponenti u l-intimati, kif okkorrendo ser jiġi aħjar spjegat waqt is-smiegħ ta' dan ir-rikors;*

*Illi tul is-snin, l-esponenti ġie eskluż totalment milli jipparteċipa jew jiġi kkonsultat fil-preparazzjoni tal-management accounts ta' MRL u lanqas qatt ma ntalab jippreżenta rendikont tal-ispejjeż minnu inkorsi b'dan illi dawn l-ispejjeż qatt ma ġew riflessi fil-kotba ta' MRL;*

*Illi punt preokkupanti u kruċjali huwa l-fatt li tali statements finanzjarji, kellhom inklużi fihom ammonti sostanzjali ta' director's fees imħallsa lill-intimati Malcolm Bartolo u Etienne Bartolo u kif ukoll fees professjonali li ġew imnaqqsa mill-income statement tas-soċjeta relattiva. Dan mhux biss juri li l-imsemmija intimati approprjaw ruħhom mingħajr l-għarfien tal-esponenti ta' ammonti sostanzjali ta' flus appartjenenti lill-MRL, talli huma manifestazzjoni tat-theddida verbali illi l-intimati kienu għamlu lill-esponenti meta beda d-diżgwid personali bejniethom, u ċioe illi kienu ser jagħmlu minn kollox sabiex jiżvalutaw l-assi ta' MRL halli l-esponenti jispiċċa ma jkun imissu xejn mill-kumpannija;*

*Illi tali director's fees ġew iċċirkulati mingħajr ebda komunikazzjoni mal-esponenti li kif gia ssenjalat huwa wkoll direttur tas-soċjeta MRL. Għal kull buon fini, tajjeb li jiġi ssollevat illi l-esponenti qatt ma tħallas l-ebda director's fees jew xi forma oħra ta' remunerazzjoni għad-diversi xogħolijiet u servizzi li huwa għamel u/jew ippresta għall-benefiċċju tal-kumpannija intimata MRL, inkluż it-tmexxija tal-importazzjoni tal-materja prima meħtieġa għall-operat tal-fabbrika;*

*Illi l-esponenti qiegħed jiġi eskluż għal kollox min-negozjati u xiri ta' materjali li MRL tixtri u timporta. Dan sfaċċatament imur kontra l-interessi ta' MRL stante l-fatt li l-esponenti huwa l-persuna li sa mill-bidu nett kien jieħu ħsieb dan ix-xogħol u huwa l-persuna li in vista tal-esperjenza vasta fis-suq relattiv bena relazzjonijiet tajbin mal-kuntatti tiegħu esteri li jippermettuli jottjeni l-aqwa prezz għall-prodott minnha mixtri u kif ukoll kundizzjonijiet ta' pagamenti benefiċċjali ħafna għall-kumpannija MRL;*

*Illi l-intimati aħwa Bartolo, huma diretturi u azzjonisti f'kumpanniji terzi li jikkompetu direttament ma' MRL. Jirriżulta illi l-intimati Bartolo qegħdin jittrasferixxu n-negozju ta' MRL a favur ta' dawn il-kumpanniji terzi u joperaw permezz ta' dawn il-kumpanniji. Dan huwa ta' preġudizzju kbir għal MRL li qed tara l-assi tagħha jisfaxxaw fix-xejn b'kull ġurnata li tgħaddi u l-profitti spettanti lill-istess MRL qed jiġu mgħoddija lil dawn il-kumpanniji terzi;*

*Illi in oltre u mingħajr preġudizzju għall-premess, l-esponenti qiegħed jagħmel tajjeb għad-djun ta' MRL permezz ta' diversi garanziji personali li huwa ta lill-banek relattivi b'dan illi, in vista tal-atti u ommissjonijiet da parti tal-intimati Bartolo, l-esponenti ġie mqiegħed f'sitwazzjoni prekarja għall-aħħar;*

*Illi l-intimati Bartolo kienu interpellati diversi drabi sabiex jirregolaw il-pożizzjoni tagħhom versu l-esponenti iżda huma b'mod kostanti baqgħu inadempjenti u addirittura komplew bit-tnaqqir tal-assi ta' MRL bl-iskop illi jnaqqsu kemm jistgħu l-valur tal-assi tal-istess MRL;*

*Illi dan l-aġir huwa wieħed abbużiv u li jmur, inter alia, kontra dak stipulat fl-Artikolu 136A et seq u l-artikolu 402 tal-Kapitolu 386 tal-Liġijiet ta' Malta;*

Rat **id-dokumenti** ppreżentati mar-rikors (fol 5 sa fol 8);

Rat **id-digriet** tagħha tal-4 ta' Novembru 2022 u li bih ir-rikors kien appuntat għas-smigħ għall-udjenza tas-16 ta' Diċembru 2022 f'12:00 p.m.;

Rat ir-risposta ta' **Marsa Rebar Limited, Bartolo Brothers Holdings Ltd, Malcolm Bartolo** u **Etienne Bartolo** tal-15 ta' Diċembru 2022, b'dokumenti annessi, li permezz tagħha eċċepew:

## *INTRODUZZJONI U DIFIŻA*

1. *Din hija r-risposta tal-intimati kollha għar-rikors li ġie ntavolat kontrihom abbażi tal-artikolu 402 tal-Kap.386 tal-Liġijiet ta' Malta.*

2. *Fl-ewwel lok, l-intimati esponenti jirrilevaw illi għalkemm ir-rikorrent qed jallega li l-aġir tal-intimati l-aħwa Bartolo (bħala diretturi ta' Marsa Rebar) u ta' Bartolo Brothers Holdings Ltd qed jagħti lok għal sitwazzjoni fejn l-affarijiet ta' MRL, allegatament qed jitmexxew kontra d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 402 tal-Kap.386 tal-Liġijiet ta' Malta, ir-rikors ftit li xejn, anzi aktar xejn milli ftit, jissustanzjaha din l-allegazzjoni.*

3. *Għalhekk, l-intimati jirrilevaw illi r-rikors promotur, fqir kif inhu, ma jagħtix lok lill-intimati li jiddefendu l-pożizzjoni tagħhom b'mod f'wisq dettall u kif kienu jkunu f'pożizzjoni li jagħmlu li kieku r-rikorrent issostanzja l-allegazzjonijiet tiegħu.*

4. *Madankollu, l-intimati jirrispondu li l-allegazzjonijiet fir-rikors promotur, anki kif artikolati, huma nfondati fil-fatt u fid-dritt, u dan kir ser jiġi ppruvat tul dawn il-proċeduri. Għalhekk it-talbiet tar-rikorrent għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjez. Fi kwalunkwe każ ma jeżistux il-premessi u l-elementi neċessarji biex dina l-Onorabbli Qorti tkun tista' tordna xi rimedju disponibbli ai termini tal-artikolu 402 tal-Kap.386 tal-Liġijiet ta' Malta.*

5. *Illi in oltre, u b'mod partikolari fil-każ tat-tieni talba tar-rikorrent, dina għandha tiġi miċħuda anki kieku jeżistu il-premessi neċessarji taħt l-Artikolu 402, stante illi n-nomina ta' amministratur provviżorju ma tistax issir fl-isfond ta' talba msejsa fuq id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 402. Dan għaliex, skond l-Artikolu 228 tal-Kap 386, dina l-Onorabbli Qorti tista' biss tagħmel tali ordni fl-isfond ta' talba għal stralċ taħt l-Artikolu 214 tal-Kap 386. Il-fatt biss illi t-talba għall-ħatra t'amministratur provviżorju, f'dan il-każ, qed ssir espressament fl-isfond tal-Artikolu 402 tal-Kap. 386 u mhix qed ssir fl-isfond ta-rikors ta' stralċ, waħedha teskludi l-possibilita' li din l-Onorabbli Qorti tkun tista tagħmel ordni għall-ħatra t'amministratur provviżorju.*

6. *Fir-rigward tal-allegazzjoni tar-rikorrent li l-intimati Bartolo kienu nterpellati diversi drabi sabiex jirregolaw il-pożizzjoni tagħhom iżda baqgħu inadempjenti, l-intimati jirrispondu illi huma qatt ma rċevew l-ebda interpellazzjoni ġudizzjarji mingħand ir-rikorrent.*

## *IL-POŻIZZJONI TAL-INTIMATI*

7. *L-intimati l-aħwa Bartolo, bħala diretturi ta' Marsa Rebar, fl-ewwel lok jirrispondu illi huma dejjem aġixxew fl-aqwa interessi tal-kumpannija, hekk kif titlob il-Kap.386 tal-Liġijiet ta' Malta. Ir-rikorrent jallega li l-imsemmija aħwa Bartolo ħadu deċiżjonijiet kontra l-interessi ta' Marsa Rebar u tal-membri tagħha, u li diversi atti u ommissjonijiet ta' Marsa Rebar (taħt id-direzzjoni tal-aħwa Bartolo) kienu, huma u ser ikunu oppressivi b'mod mhux ġust, diskriminatorji kontra u ta' preġudizzju għar-rikorrent bħala membru ta' Marsa Rebar. Iżda r-rikorrent ma jagħti l-ebda ħjiel ta' x'inhuma dawn l-allegati deċiżjonijiet, atti u ommissjonijiet tal-aħwa Bartolo, għajr li allegatament qamu wara diżgwid personali bejnu u l-aħwa Bartolo. Ir-rikorrent jibqa' kompletament sieket dwar l-allegat aġir li proprju ta lok għar-rikors tiegħu.*

8. *Ir-rikorrent jgħid illi fl-istatements finanzjarji kien hemm inkluż ammonti ta' director's fees u professional fees imħallsa lill-aħwa Bartolo u li ġew imnaqqsa mill-income statement tas-soċjeta' ta' Marsa Rebar. Ir-rikorrent ikompli jgħid li, skont hu, dan juri li l-intimati approprjaw ruħhom ta' flus ta' Marsa Rebar mingħajr l-għarfien tiegħu.*

   *L-intimati jirrispondu illi  tassew tħallsu director's fees u professional fees lill-aħwa Bartolo iżda dan sar bi qbil mir-rikorrent u bil-konsapevolezza sħiħa tiegħu. Addizzjonalment, filwaqt illi r-rikorrent qed jipprova jagħti l-impressjoni illi sar xi ħaġa bil-mistur, wieħed irid biss iħares lejn il-kontijiet ta' Marsa Rebar li huma ppubblikati fuq is-sit tal-Reġistru dwar in-Negozju ta' Malta (kopji tal-kontijiet għas-snin li għalqu fil-31 ta' Diċembru 2020 u fil-31 ta' Diċembru 2021 huma hawn annessi u mmarkati '**Dok.MRL1**' u '**Dok.MRL2**'), Dawn il-kontijiet ġew approvati mill-bord tad-diretturi (li jinkludi r-rikorrenti), u l-kontijiet jagħmlu referenza speċifika għal dawn il-miżati.*[2]

   *Tistona wkoll l-allegazzjoni li l-intimati għamlu xi theddida li kienu ser jiżvalutaw l-assi ta' Marsa Rebar biex ir-rikorrent ma jkun imissu xejn, meta fil-kontijiet hawn fuq imsemmija huwa ddikkjarat illi sar profitt (kemm għas-sena 2020 u għas-sena*

---

[2] Vide paġna 13 tal-kontijiet 2021; u paġna13 tal-kontijiet 2020.

*2021 – iżjed minn miljun Ewro għas-sena 2020, u 'l fuq minn erba' mitt elf Ewro għas-sena 2021) u li:*

*"During the year, the company continued to increase revenue and profitability as it increased production capacity and efficiencies. The Company also received a significant cash government grant. The directors expect that the present level of activity will be sustainable in the forseeable future."*

9. *L-istess jingħad għall-allegazzjoni li l-assi ta' Marsa Rebar qed jisfaxxaw fix-xejn ma kull ġurnata li tgħaddi, meta fil-fatti l-assi tagħha żdiedu mis-sena 2020 għas-sena 2021 (vide '**Dok.MRL1**' u '**Dok.MRL2**').*

***TALBA GĦAS-SOSPENSJONI TAL-FUNZJONIJIET EŻEKUTTIVI TA' L-AĦWA BARTOLO, U TALBA GĦALL-ĦATRA TA' AMMINISTRATUR PROVVIŻORJU***

10. ***Ir-rikorrent talab li jiġu sospiżi l-funzjonijiet eżekuttivi tal-aħwa Bartolo u talab ukoll il-ħatra ta' amministratur proviżorju sabiex ikun hemm tmexxija serja u xierqa tal-kummpannija Marsa Rebar. Fl-ewwel lok, ir-rikorrent irid l-ewwel jipprova l-allegazzjonijiet fir-rikors promotur, inkluż li hemm tmexxija ta' Marsa Rebar li mhijiex 'serja u xierqa', liema allegazzjoni hija wkoll miċħuda mill-intimati.***

11. ***Fit-tieni lok, l-intimati jirrispondu umilment li t-talba għall-ħatra ta' amministratur proviżorju ma tistax tintlaqa' fl-isfond ta' talba msejsa fuq id-disposizzjonijiet tal-artikolu 402.***

12. ***Il-ħatra ta' amministratur proviżorju hija regolata mill-artikolu 228 tal-Kap.386. Dak l-artikolu u jispeċifika illi:***

***' Il-qorti tista' b'ordni taħtar amministratur provvizorju f 'kull zmien wara li jkun ġie pprezentat rikors għal stralċ[3] u qabel ma tagħmel ordni għal stralċ, .....'***

13. ***L-Onorabbli Qorti m'għandiex quddiemha rikors għal stralċ iżda rikors biex tagħmel ordni ai termini tal-artikolu 402 tal-Kap 386. Dan il-fatt biss, jissottomettu umilment l-***

[3] Emfazi mizjuda

***intimati, jeskludi lill-Onorabbli Qorti milli tkun tista' tagħmel ordni għal ħatra ta' amministratur proviżorju.***

14. ***Il-liġi stess fl-artikolu 228 tal-Kap 386, tagħti poter lil dina l-Onorabbli Qorti illi tagħmel tali ħatra biss fl-isfond ta' kawża ta' stralċ u biss wara li jkun ġie ppreżentat r-rikors idoneju. L-intimati jissottomettu illi r-rimedju fl-artikolu 228 tal-Kap 386 huwa wieħed ċirkoskritt fil-parametri ta' dak kontenut fl-istess artikolu u dan ir-rimedju ma jistax jiġi estiż.***

15. ***Anki jekk jiġi argumentat illi l-artikolu 402 tal-Kap.386 jikkontempla illi dina l-Onorabbli Qorti tista' tagħmel ordni ta' stralċ fil-kuntest t'azzjoni msjejsa fuq l-istess artikolu 402, il-fatt illi tali ordni hija possibbli fl-ambitu tar-rimedji komminati fl-Artikolu 402 tal-Kap.386 ma jista' qatt jissana n-nuqqas ta' rikors għal stralċ kif jitlob l-Artikolu 228. It-tifsira tat-terminu rikors għal stralċ hija dik fl-Artikolu 218(1) tal-Kap. 386 u ċioe rikors magħmul b'talba biex il-Qorti tordna l-istralċ ta' kumpannija ai termini tal-Artikoli 214(1)(a); 214(2)(a) jew 214(2)(b) – ebda rikors ieħor ma jista' għal finijiet tal-Kap.386 jitqies bħala rikors għal stralċ u allura ebda rikors ieħor ma jista jsostni talba għal-ħatra t'amministratur provviżorju ai termini tal-Artikolu 228 tal-Kap.386.***

16. ***Ir-rikorrent għażel li jintavola proċeduri abbażi tal-artikolu 402 tal-Kap.386. L-intimati jissottomettu bir-rispett li l-ħatra ta' amministratur proviżorju mhuwiex wieħed mir-rimedji li l-Qorti tista' tordna fl-ambitu ta' azzjoni msejsa fuq l-artikolu 402 tal-Kap.386.***

17. ***Din l-Onor Qorti, diversament presjeduta, ġja kellha l-opportunita' li tiddeċiedi proprju talba bħal din li tressqet fl-ambitu ta' proċeduri abbażi tal-artikolu 402 tal-Kap.386.[4] F'dawk il-proċeduri, l-Onor Qorti ddeċidiet illi:***

> ***"Issa fil-kaz taghna fejn il-ligi riedet li meta tigi tentata procedura ta` xoljiment u stralc skond l-Art.214 et seq il-Qorti tista` taghti ordni ghall-hatra ta` amministratur provvizorju f`kull zmien wara li jkun gie pprezentat rikors ghal stralc u qabel ma taghmel ordni ghal stralc, daqstant***

[4] Sentenza in parte tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, tas-16 ta' Diċembru 2010, fl-ismijiet: *Patricia Apap Bologna vs Raphael Bianchi et.*

***iehor din il-Qorti hija prekluza milli taghti dak l-ordni fejn il-ligi ma tghid propju xejn bhal fil-kaz tal-Art.402.***

***Il-principju tad-dritt – ubi lex voluit dixit – japplika bis-shih fil-kaz tal-lum.***

***...***

***Ladarba l-azzjoni tal-lum hija a tenur tal-Art.402, l-ordnijiet li din il-Qorti ghandha diskrezzjoni li taghmel skond is-subinciz (3) fejn tkun tal-fehma li l-ilment ikun bazat sewwa u li jkun gust u ekwu li hekk taghmel huma dawk elenkati minn (a) sa (g) - fosthom hemm l-ordni ta` xoljiment u stralc konsegwenzjali skond (g). Anke mid-dicitura tal-Art.402 fl-assjem tieghu, huwa evidenti li l-Qorti ma tistax tahtar amministratur provvizorju kif qeghda titlob***

***ir-rikorrenti. Fl-istat tad-dritt kif inhu llum, il-Qorti hija prekluza milli taghmel il-hatra li trid ir-rikorrenti. Huwa biss meta l-Qorti (ghax tkun tal-fehma li l-ilment***

***ikun bazat sewwa u li jkun gust u ekwu) li ghandha tordna x-xoljiment u stralc konsegwenzjali li japplikaw iddisposizzjonijiet tas-Sub-Titoli I u III tat-Titolu II tat-Taqsima V ta` dan l-att li jirregolaw l-istralc ta` kumpanniji (ara s-subinciz [4]).”***

Rat illi fl-udjenza tal-10 ta’ Marzu 2023, ir-rikorrent **Anthony Pace** ppreżenta nota (fol 59) b’affidavit tiegħu stess (fol 60 sa fol 62) flimkien ma’ dokumenti fuq *pen drive* (fol 58);

Rat ukoll illi fl-udjenza tal-10 ta’ Marzu 2023, il-Qorti fuq talba tar-rikorrent, idderiġiet lill-partijiet sabiex f’dan l-istadju jressqu l-provi fir-rigward tat-tieni talba;

Rat illi fl-udjenza tal-24 ta’ Mejju 2023, id-difensuri tar-rikorrent iddikjaraw li m’għandhomx aktar provi xi jressqu fir-rigward tat-tieni talba;

Rat illi fl-udjenza tas-6 t’Ottubru 2023, xehed ir-rikorrent **Anthony Pace** in kontro-eżami u esebixxa numru ta’ dokumenti (Dok AP1, fol 71 sa fol 85);

Rat in-nota tal-intimati intavolata fit-28 ta’ Diċembru 2023 (fol 86) li permezz tagħha ppreżentaw affidavit ta’ **Malcolm Bartolo** u **Etienne Bartolo**, b’dokumenti annessi (fol 87 sa fol 123);

Rat illi fl-udjenza tal-15 ta' Jannar 2024 xehed **Etienne Bartolo** in kontro-eżami;

Rat ukoll illi fl-udjenza tal-15 ta' Jannar 2024, ir-rikorrent ppreżenta nota (fol 131) b'dokumenti (fol 132 sa fol 142);

Rat in-nota tal-intimati intavolata fil-15 t'April 2024 (fol 144) li permezz tagħha ppreżenta numru ta' dokumenti (Dok MRL 5 sa Dok MRL 12 - fol 146 sa fol 236);

Rat illi fl-udjenza tat-22 t'April 2024 xehed **Etienne Bartolo** in kontro-eżami;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-intimati.

Rat illi fl-udjenza tat-18 ta' Novembru 2024, ir-rikorrent ippreżenta nota (fol 302) b'kopja informali ta' sentenza (fol 303 sa fol 309).

Rat ukoll illi fl-udjenza tat-18 ta' Novembru 2024, wara li semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet, il-Qorti ħalliet il-kawża għall-udjenza ta' llum għal deċiżjoni parżjali dwar it-tieni talba.

Rat l-atti l-oħra tal-kawża.

**Ikkunsidrat**:

Illi jirriżulta illi din hija sentenza *in parte* dwar it-tieni talba mressqa mir-rikorrent permezz tar-rikors promotur tiegħu, fejn talab lil din il-Qorti sabiex tagħti dawk l-ordnijiet li jidhrilha xierqa u opportuni sabiex *pendente lite*, jkun hemm tmexxija serja u xierqa tas-soċjeta' intimata u dan fl-interess tar-rikorrent u tal-kumpanija intimata nnifisha inkluż is-sospensjoni tal-funzjonijiet eżekuttivi tal-konvenuti diretturi Bartolo u l-ħatra ta' amministratur proviżorju.

Ir-rikorrent, permezz tar-rikors promotur, jispjega li hu għandu ħamsa u għoxrin fil-mija (25%) tal-ishma tal-kumpanija Marsa Rebar Ltd filwaqt li l-intimata Bartolo Brothers Holdings Ltd tiddetjeni r-rimanenti ħamsa u sebgħin fil-mija (75%) tal-ishma. Jgħid li hu flimkien mal-intimati Malcolm Bartolo u Etienne Bartolo huma d-diretturi tal-istess soċjeta'.

Isostni li l-intimati Bartolo b'mod abbużiv, unilaterali u mingħajr l-involviment tiegħu ħadu u qed jieħdu deċiżjonijiet kontra l-interessi tal-kumpanija *de quo* u tal-membri tagħha li huma qed ikunu oppressivi b'mod mhux ġust, diskriminatorju, kontra u ta' preġudizzju għalih, liema

azzjonijiet immanifestaw ruħhom wara diżgwid personali bejn bejnhu u l-intimati Bartolo.

Jispjega li tul is-snin, huwa ġie eskluż mill-preparazzjoni tal-Management Accounts tal-kumpanija b'tali mod li lanqas ittieħed kont ta' spejjeż magħmula minnu. Isostni li f'tali kontijiet kien hemm inklużi ammonti sostanzjali ta' *directors' fees* u *professional fees* imħallsa lill-intimati Bartolo, liema ħlasijiet qatt ma ġew diskussi u ħlasijiet simili ma sarux lilu minkejja x-xogħol tiegħu. Jikkontendi li kien hemm theddida verbali magħmulha lilu mill-aħwa Bartolo li ser jiżvalutaw il-kumpanija.

Oltre' minn hekk, ir-rikorrent isostni li l-intimati Bartolo huma azzjonisti f'kumpaniji li jikkompetu mal-kumpanija tagħhom u mertu ta' din il-pendenza, u li qed jgħaddi n-negozju lilhom bir-riżultat li l-kumpanija *de quo* qed tisfaxxa fix-xejn.

Jispjega li hu personalment qed jagħmel tajjeb għas-soċjeta' *de quo* b'garanzija bankarja u għalhekk qiegħed f'sitwazzjoni prekarja. Jgħid li għalkemm interpella lill-aħwa Bartolo diversi drabi biex jirregolaw il-posizzjoni tagħhom, dan baqa' ma seħħx u l-assi tal-kumpanija *de quo* baqgħu jiġu mnaqqra u għalhekk ma kellu ebda għażla għajr li jressaq dawn il-proċeduri.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Illi min-naħa tagħhom l-intimati **Marsa Rebar Limited, Bartolo Brothers Holdings Limited, Malcolm Bartolo u Etienne Bartolo** jgħidu li l-allegazzjonijiet fir-rikors promotur huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.

Fir-rigward tat-talba għas-sospensoni tal-funzjonijiet eżekuttivi tal-aħwa Bartolo u l-ħatra ta' amministratur proviżorju, l-intimati jgħidu li fl-ewwel lok ir-rikorrent irid jipprova l-allegazzjonijiet minnu magħmula inkluż li t-tmexxija mhijiex '*serja u xierqa*'.

Fit-tieni lok jikkontendu li t-talba għall-ħatra ta' amministratur proviżorju ma tistax tintlaqa' fl-isfond ta' talba msejjsa fuq id-disposizzjonijiet tal-artikolu 402 tal-KAP 386, iżda kif msemmi fl-istess KAP, huwa biss fl-isfond ta' kawża ta' stralċ u wara li jkun ippreżentat ir-rikors idoneju, li tista' ssir tali talba. Isostnu li anke l-fatt li l-Qorti tista' bħala rimedju taħt l-Artikolu 402 tagħti ordni ta' stralċ, dan ma jnaqqasx mil-fatt li tali talba tista' ssir biss f'ambitu ta' stralċ. In sosten ta' dan jirreferu għad-deċiżjoni tal-Prim' Awla

tal-Qorti Ċivili, fl-ismijiet **Patricia Apap Bologna vs Raphael Bianchi et** deċiża fis-16 ta' Diċembru 2010.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Illi mill-**provi prodotti**, jirriżultaw is-segwenti **fatti**:

Fl-affidavit tiegħu, **Anthony Pace** jgħid li Etienne Bartolo kien iddiskuta miegħu meta kien sar jaf li kien hemm il-Bromford Iron and Steet Co (Med) Ltd għall-bejgħ. Jispjega li hu kien offra l-għarfien tiegħu fis-settur stante li kien ilu jaħdem f'dan ix-xogħol mis-sena 1982 u kienu offrewlu li jipparteċipa u joħroġ sehem, kif fil-fatt għamel. Jgħid li kien sar ftehim fir-rigward tal-kumpanija mit-twaqqif tagħha.

Jgħid li sa mil-ewwel laqgħa li saret ma' *wholesalers* barranin tal-ħadid imressqa minn Etienne Bartolo, hu wera r-rieda tiegħu li jagħmel importazzjoni diretta u ħoloq uffiċju tal-importazzjoni tal-materja prima, liema uffiċju kien responsabbli għal kull pass mir-riċerka sat-twassil fil-fabbrika l-Marsa.

Jispjega li Etienne Bartolo, kien jaf li iben ir-rikorrent, Keith Pace, kien jagħti sehemu wkoll biex għamel il-*website* u *branding* u kif ukoll xtara dak li kien hemm bżonn mill-għadd ta' teknoloġija, iżda ta' dan Keith Pace baqa' ma tħallasx.

Isostni li fir-riċerka li għamel sab fabbriki minn diversi pajjiżi, kif ukoll għamel kuntatt dirett magħhom u nnegozja prezzijiet kif ukoll kundizzjonijiet ta' ħlas. Jgħid li dan kien eżerċizzju bla waqfien.

Jispjega li kien jieħu ħsieb ukoll jissorvelja l-vjaġġ sakemm il-materjal jasal Malta u kien ikun ukoll preżenti fil-ħatt tal-materjal.

Jgħid li hu kien jagħmel dan ix-xogħol minn uffiċju mikri lil Philip Pace and Sons, li hu wieħed mid-diretturi tagħha. Ix-xhud ippreżenta lista tal-importazzjonijiet kollha li għamel mill-2014 sal-2022. Jgħid li l-ispejjeż tal-materja prima biss, mingħajr *shipping*, *insurance* u spejjeż oħra jeċċedi l-€34,000,000.

Isostni li kemm-il darba Etienne Bartolo ssogra li jitilfu x-xirja minħabba li qagħad itawwal dwar prezzijiet li jagħtih iżda qatt ma nfurmah li kien sab prezzijiet aħjar.

Jikkontendi li l-aħwa Bartolo ċekknuh b'kull mod possibli illi setgħu u qatt m'għajtulu biex jattendi laqgħa tal-Bord tad-Diretturi dwar *management accounts* u qatt ma nfurmawħ minn qabel dwar investiment fil-fabbrika iżda kienu biss jitolbuh sehmu meta jkun lest kollox jew biex jiffirma xi self. Jgħid li la Etienne Bartolo, bħala CEO, la Malcolm Bartolo azzjonist u direttur u lanqas Chris Pace, l-*accountant* qatt ma stiednuh ikun preżenti sabiex jiddiskuti l-*accounts* jew sabiex jistaqsuħ dwar l-ispejjeż u l-involviment tiegħu. Isostni li l-biża' tiegħu hi li l-prezz tax-xogħol tiegħu seta' ġie imħallas lil ħaddieħor parti minn Bartolo Brothers Holdings Ltd. Jgħid li lanqas ma qatt ġie muri prezzijiet li ġew imħallsa meta ma kienx iservi l-materjal minnu importat.

Jispjega li fi Frar 2022, Etienne Bartolo qabad u ħa r-responsabbilita' tax-xogħol hu u waqqfu biex jaqtgħu barra minn kull għarfien u involviment. Jgħid li fl-ewwel ordni li għamel naqas milli jħallas fil-ħin bir-riżultat li s-soċjeta' *de quo* ġiet *blacklisted* minn wieħed mill-produtturi l-kbar tat-Turkija. Isostni li b'dan lanqas lil ħuħ Malcolm ma kien informa.

Jgħid li nbniet parti oħra mill-fabbrika tas-soċjeta' *de quo*, liema xogħol sar minn B&B Construction, mingħajr l-involviment tiegħu u mingħajr ma lanqas qalulu kemm kienet l-ispiża.

Jispjega li kien għadda l-*accounts* taż-żewġ kumpaniji A.C.I. Ltd u Marsa Rebar Ltd lill-awditur ta' Philip Pace & Sons Limited, Mark Scalpello, li kien talab li jipparteċipa mal-accountant tas-soċjeta' *de quo* sabiex jara l-accounts tas-sena 2022. Jgħid li Mark Scalpello kien induna illi mill-bidu tal-formazzjoni tal-kumpanija, din kienet skema ippjanata biex jinqdew biħ u jwarrbuh.

Jgħid li permezz ta' email datata 21 ta' Ġunju 2022, Dr Franco Galea, għan-nom tar-rikorrent kien informa lill-aħwa Bartolo li hu kellu jkun infurmat regolarment bl-andament tal-kumpanija u d-deċiżjonijiet li jittieħdu, iżda baqgħet ma ngħatat l-ebda informazzjoni.

Isostni li meta ġew distribwiti *directors' fees* hu qatt m'ingħata xejn minkejja li kien direttur attiv. Jikkontendi li ma jistax jifhem ukoll kif *professional fees* minn ftit inqas minn tlett elef Ewro (€3,000) fis-sena fl-2018, għolew għal aktar minn tmienja u sittin elf Ewro (€68,000) fis-sena 2021.

Jispjega li t-tilwima ta' bejniethom waslet biex ir-rikorrent ma jarax u ma jkollux komunikazzjoni ma bintu li hi miżżewġa lil Malcolm Bartolo u lit-tfal tagħhom, bil-biża li bintu qed tiġi mhedda.

In sosten tax-xhieda tiegħu, r-rikorrent ippreżenta numru ta' dokumenti li l-Qorti ħadet konjizzjoni tagħhom.

In **kontro-eżami**, ir-rikorrent jikkonferma li f'ACI Limited hu u Bartolo Brothers huma l-uniċi azzjonisti u l-ishma huma maqsuma nofs bin-nofs. Jikkonferma li hu u Malcolm Bartolo diretturi tal-istess kumpanija. Jikkonferma li Malcolm Bartolo huwa r-raġel ta' bintu u li t-tilwim kummerċjali bejniethom wassal għal diżgwid personali.

Jispjega li ACI Limited bħalissa m'għandha xejn ħlief dejn minn B&B Construction fuq kimika illi l-ACI kien timporta, liema dejn jammonta għal €283,000. Jgħid li l-*invoices* ħariġhom kollha hu u Malcolm Bartolo ma kienx ikun preżenti. Mistoqsi dwar x'inhi l-ħtieġa ta' amministratur proviżorju għal din il-kumpanija, jispjega li hi minħabba diżgwid dwar *invoices*. Jgħid li l-kumpanija tista' tiġi likwidata.

Fir-rigward ta' Marsa Rebar Limited, hu jikkonferma li ħamsa u sebgħin fil-mija (75%) tal-ishma jappartjenu lil Bartolo Brothers u ħamsa u għoxrin fil-mija (25%) tal-ishma jappartjenu lilu. Jikkonferma li l-kumpannija hija profittabbli. Jgħid li x-xogħol tagħha huwa l-importazzjoni ta' ħadid biex imbagħad jintuża fl-industrija tal-kostruzzjoni.

Mistoqsi dwar ir-raġuni tal-ħtieġa ta' amministratur proviżorju jgħid li dan hemm il-bżonn tiegħu stante li għalkemm dividenti ma jitqassmux qed jitqassmu *directors fees* u hu qatt ma ħa.

Mistoqsi x'inhu l-involviment tiegħu fl-operat illum, jgħid li hu ġie maqtugħ 'il barra minn kollox, mentri qabel kien jieħu ħsieb l-*imports* li kien jagħmel mill-uffiċju tiegħu f'Ħ'Attard.

Fl-affidavit tiegħu, **Malcolm Bartolo** jgħid li hu direttur tas-soċjeta' Marsa Rebar Limited u ilu jokkupa din il-kariga minn meta ġiet inkorporata l-kumpanija. Jgħid li huwa wkoll kuntrattur illiċenzjat fil-qasam tal-kostruzzjoni.

Jispjega li ilu jaħdem fil-qasam tal-kostruzzjoni dsatax (19)-il sena fin-negozju tal-familja B&B Construction Limited, liema kumpanija ilha mwaqqfa minn April 1981 u hija nvoluta f'appalti ta' bini inkluż lukandi, uffiċini, proġetti residenzjali u oħrajn. Jispjega li kien jieħu ħsieb ukoll l-ordnijiet u l-ħidma tal-ħadid tal-konkos b'magni żgħar inkluż tfassil, tqattigħ u tgħawwiġ u nstallazzjoni fil-post kif mitlub mill-periti tal-proġetti. Jispjega li B&B għandha kumpless ta' manifattura fil-Magħtab fejn hu u ħuħ flimkien ma' missierhom kienu investew fi produzzjonijiet ta' konkos,

*bricks, pre stressed predalle, bubble deck* u prodotti *pre-cast* oħra mill-2001.

Jgħid li qabel ma ġiet akkwistata l-Bromford, Iron and Steel kienu jingħataw biss servizzi ta' xibka, iżda ħassew li lil klijenti tagħhom kellhom jagħtuhom servizz aktar komplut. Jispjega li fost l-investimenti li saru fil-kumpanija *de quo* fl-2016, bdew proġett ġdid li kien jinvolvi t-tkabbir tal-fabbrika, liema proġett ħa ħsiebu hu u liema proġett waslu għalih għax hu u ħuħ użaw l-esperjenza tagħhom fil-qasam.

Fir-rigward tal-allegazzjoni tar-rikorrent dwar il-*managment accounts* jgħid li l-kontijiet finanzjarji dejjem ġew debitament approvati u sottomessi u r-rikorrent qabel intavola dawn il-proċeduri qatt ma kien ilmenta dwar dan.

Fir-rigward tal-ħlas ta' *directors' fees* jgħid li ma hemm ebda ħabi u dawn jidhru fil-kontijiet tal-kumpanija li jiġu approvati mill-azzjonisti nkluż ir-rikorrent innifsu. Jispjega li d-*directors' fees* huma mħallsa lid-diretturi li huma mpjegati tal-kumpanija.

Jirrespinġi l-allegazzjoni tar-rikorrent li hu b'xi mod heddu u jgħid li ma jixtieqx li s-sitwazzjoni ta' diżgwid fil-familja jippersisti.

Fl-affidavit tiegħu, **Etienne Bartolo** jgħid li hu direttur tas-soċjeta' Marsa Rebar Ltd u ilu jokkupa din il-kariga minn meta ġiet irreġistrata l-kumpanija. Jgħid li hi inġinier u għandu esperjenza ta' 23 sena f'dan ir-rigward.

Jispjega li Marsa Rebar Limited hija kumpanija profittabli li ddikjarat profit ta' iktar minn miljun Ewro (€1,000,000) għas-sena 2020 u 'l fuq minn mitt elf Ewro (€100,000) għas-sena 2021, u profit ta' 'l fuq minn sitt mitt elf Ewro (€600,000) għas-sena 2022. Jgħid li l-assi tal-kumpanija baqgħu ma' kull sena jiżdiedu. Isostni li l-marġini ta' profit magħmulha mis-soċjeta' huma kważi d-doppju ta' dawk magħmulha mill-iktar soċjeta' rinomata f'Malta għal dak ix-xogħol.

Jgħid li n-negozju tas-soċjeta' jinvolvi l-manifattura ta' *steel wire mesh* u l-importazzjoni u pproċessar ta' materjali tal-azzar li jintużaw primarjament fil-kostruzzjoni. Jgħid li dan huwa suq partikolari li f'kemm ilha topera l-kumpanija mis-sena 2014, akkwistat mat-30% tal-istess suq.

Jispjega li hu gradwa fl-inġinerija fis-sena 2000 u f'Jannar 2001 beda jaħdem fin-negozju tal-familja ma' B&B Construction Ltd, liema kumpanija ilha mwaqqfa minn April 1981 u li kienet tieħu sehem f'appalti tal-bini.

Isostni li dan iż-żmien, il-kumpanija kellha nuqqasijiet amministrattivi u b'hekk beda jintroduċi tali sistemi. Jispjega kif tul dawk is-snin permezz ta' self mill-bank, il-kumpanija bdiet timraħ f'oqsma ġewwa s-suq tal-kostruzzjoni.

Jgħid li kien tal-fehma li l-kumpanija kellha tinvesti wkoll fil-produzzjoni tal-azzar u b'hekk fis-sena 2014 irnexxielu jasal għal ftehim ta' xiri ta' Bromford Iron and Steel (Malta) li kienet kumpanija li ma kinitx qegħda titmexxa tajjeb. Għal dan l-għan jgħid li ħa finanzjament mill-bank li B&B Construction Limited għadha tagħmel tajjeb għalih bil-propjeta' tagħha.

Isostni li minn dak iż-żmien il-kumpanija kibret fis-suq u irnexxielha tħaddem b'mod aktar effiċjenti l-makkinarju li kellha Bromford u investiet f'makkinarju ġdid u dan permezz t'investiment ta' aktar minn €4,000,000, li ġew mill-profiti ġġenerati mill-kumpanija stess u minn finanzjamenti bankarji. Jispjega li rnexxielu wkoll jibdel il-kera f'ċens u jkabbar l-estent tal-art mikrija.

Isostni li rnexxielu jġib ukoll fondi finanzjarji mill-Malta Enterprise li jaqbżu it-€800,000, kif ukoll introduċew sistemi ta' *software* avvanzat għall-ipproċessar tal-ordnijiet. Jgħid li tul l-2022 u l-2023 bdew ifasslu u jimplimentaw pjan ta' sostenibilita' ambjentali dwar liema proġetti l-kumpanija kisbet self mill-bank mingħajr interessi.

Jispjega li Marsa Rebar Limited għandha faċilitajiet bankarji mal-Bank HSBC, liema relazzjoni ilha teżisti għal diversi snin u dejjem kienet waħda tajba. Isostni li l-ġestjoni tal-istess kumpanija tirrikjedi li jkun hemm persuna kapaċi u kompetenti fis-settur, altrimenti hemm ir-riskju li l-kumpanija ma tibqax profittabbli.

Fir-rigward tal-allegazzjoni li r-rikorrent qatt ma ġie mistieden jiddiskuti l-*management accounts*, jgħid li Anthony Pace qatt ma kien ilmenta miegħu dwar dan. Isostni li kieku vera Anthony Pace kellu xi tħassib jew inkwiet dwar l-account ma kienx konsistentement jawtorizza lilu u lil ħuħ Malcolm sabiex jiffirmaw l-accounts u sabiex jiffirmaw komunikazzjonijiet mal-awditur, liema affarijiet ġraw konsistentement sal-2022.

Isostni li r-rikorrent qatt ma ħareġ flus dirett għal xi investiment iżda ħareġ biss flus darba għall-awment tal-kapital tal-kumpanija fl-2016.

Fir-rigward tal-fornitur Tork Diller, jgħid li hu kien waqqaf ix-xogħol minħabba li kienu ser jeħlu ħamsa u għoxrin fil-mija (25%) taxxa addizzjonali jekk jimportaw mingħand tali fornitur. Jgħid li Anthony Pace

kien għamel dan l-iżball u sewa diversi flus lil kumpanija li eventwalment ix-xhud irnexxielu jirkupra.

Jgħid li huwa minnu li l-estensjoni tal-fabbrika tas-soċjeta' *de quo* sar minn B&B Construction Limited, iżda dan sar b'rati kummerċjali u kien approvat ukoll mill-Malta Enterprise. Barra minn hekk, jikkontendi li l-esperjenza u l-flessibilita ta' B&B Construction Limited kienu ta' vantaġġ għas-soċjeta' Marsa Rebar Limited.

Fir-rigward tal-ħlas ta' *directors' fees* jgħid li ma hemm ebda ħabi u dawn jidhru fil-kontijiet tal-kumpanija li jiġu approvati mill-azzjonisti nkluż ir-rikorrent innifsu. Jispjega li d-*directors' fees* huma mħallsa lid-diretturi li huma mpjegati tal-kumpanija.

In **kontro-eżami** jgħid li laqgħat tad-diretturi u tal-azzjonisti kienu jsiru meta jiġu ppreżentati l-*accounts* tal-kumpanija. Jispjega li minħabba li kienu jitkellmu, ma kienx isir avviż formali għal-laqgħat. Jikkonferma li lir-rikorrent kienu jgħaddulu l-*audited accounts* u mhux il-*management accounts*.

Mistoqsi dwar l-irwol tal-*accountant* Chris Pace, jgħid li dan huwa impjegat tad-ditta tal-awdituri tal-kumpanija. Jgħid li l-istess kumpanija tagħmel l-awditjar tas-soċjetajiet kollha ta' B&B. Jispjega li l-*management accounts* jitħejjew minn tim ta' nies li hemm fil-B&B Construction, kif ukoll konsulenti mid-ditta CA Finance, li fl-aħħarnett ilestuhom. Jgħid li huwa ċertu Paul Azzopardi li huwa inkarigat minn dan. Jgħid li mhuwiex l-istess persuna li jagħmel l-accounts ta' B&B.

Mistoqsi dwar kif jiġu stabbiliti d-*directors fees* jgħid li jiġu stabbiliti minnu bl-għajnuna tas-Sur Pace, inkluż ir-remunerazzjoni tiegħu.

Fir-rigward tal-fatt li l-kostruzzjoni f'Marsa Rebar saret minn B&B Construction, jgħid li dan kien mifhum mill-bidunett meta ġiet inkorporata l-kumpanija *de quo.* Jispjega li B&B tagħmel xogħol għal Marsa Rebar bħal ma huma *payroll management*, reklutaġġ u taħriġ. Jikkonferma li l-impjegati ta' Marsa Rebar ġew mħarrġa minn B&B. Mistoqsi kif jiġu stabbiliti l-pagi ta' dawn l-impjegati jgħid li dan isir skont riċerka tas-suq.

Jispjega li *maintenance* tal-magni ta' Marsa Rebar isir minn B&B li imbagħad toħroġ kont lil Marsa Rebar. Jikkonferma li hu responsabbli minn naħa ta' B&B li joħroġ il-kontijiet u huwa responsabbli wkoll minn naħa ta' Marsa Rebar li jivverifika x-xogħolijiet li jkunu saru.

Jikkonferma li kull arranġament li kien jagħmel ir-rikorrent, kien jgħaddi għandu għall-approvazzjoni. Jgħid li kien anke jġib prezzijiet oħra biex jikkonferma li qed jixtru bl-aħjar prezz.

Fir-rigward ta' Diller jispjega li kienu weħlu t-taxxa addizzjonali minħabba li kienet intlaħqet il-kwota tal-importazzjoni minħabba li l-materjal kien ġej minn barra l-Unjoni Ewropea stante li r-rikorrenti kien daħħal il-karti tard u kienet intlaħqet il-kwota.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Illi mis-**<u>sottomissjonijiet</u>** u t-**<u>trattazzjoni</u>** tal-partijiet, il-Qorti tislet is-segwenti:

Da parti tiegħu, **ir-rikorrent** jibda biex jindirizza l-eċċezzjoni tal-intimati li fi proċeduri bbażati fuq l-artikolu 402 tal-Kap 386 tal-Liġijiet ta' Malta, ma jistax jinħatar amministratur proviżorju. F'dan ir-rigward jirreferi għad-deċiżjoni ta' din il-Qorti, diversament preseduta, fl-ismijiet **Lonavi Properties Ltd et vs Dr Henry Antoncic et** (Ref 1221/2010), u jgħid li il-Qorti għandha kull dritt anke taħt l-Artikolu 402 li tagħti miżuri *ad interim* inkluż il-ħatra ta' amministratur.

B'hekk jgħaddi biex jindirizza l-ħtieġa tal-istess amministratur proviżorju u jgħid li teżisti sitwazzjoni fejn il-grupp azzjonarju huwa maqsum. Isostni li l-ħatra ta' amministratur proviżorju ma ġġibx fix-xejn l-irwol tad-diretturi iżda huwa kontroll ulterjuri sabiex l-*istatus quo* tal-assi jiġu mħarsa.

Jirreferi għad-deċiżjoni fl-ismijiet **Vica Limited vs Terry Limited** deċiża fit-23 ta' April 2007, kif ukoll għad-deċiżjoni tal-Qrati Ingliżi ta' **Rochdale Drinks Distributors Limited** deċiża fl-2011. Isostni li r-rikorrenti qed jiġi eskluż għal kollox minn ċertu deċiżjonijiet. Jikkontendi li anke jekk id-deċiżjonijiet huma tajba, xorta r-rikorrenti m'għandux jiġi eskluż. Jgħid li meta ġiet għad-deċiżjoni dwar il-bini tal-estenzjoni tal-fabbrika, qabdet u ngaġġat lis-soċjeta' B&B mingħajr ma kkunsidrat stimi oħra. Jikkontendi li f'din id-deċiżjoni Etienne u Malcolm Bartolo kellhom kunflitt t'interess ċar u kellhom saħansitra jastjenu milli jivvutaw f'deċiżjoni bħal dik. Oltre' minn hekk, jispjega li Etienne Bartolo ħa waħdu d-deċiżjoni li jitħallas ta' snin ta' qabel.

Isostni li fl-immedjat għandu jkun hemm element ta' kontroll indipendenti taħt il-kontroll tal-Qorti. Jikkjarifika li dan li qed jintalab huwa amministratur proviżorju li jeżerċita element ta' kontroll, jistaqsi mistoqsijiet u jirreferi lura

lil Qorti. Dan qed jintalab sabiex ikun hemm *safeguard* partikolarment fuq kontabilita.

Min-naħa tagħhom, **l-intimati** jgħidu li l-ġurisprudenza dwar il-ħatra ta' amministratur proviżorju fl-ambitu ta' proċedura ai termini tal-Artikolu 402 tal-Kap 386 hija ċara u, b'referenza għad-deċiżjoni fl-ismijiet **Patricia Apap Bologna vs Raphael Bianchi et** deċiża fis-16 ta' Diċembru 2010, jgħidu li amministratur proviżorju jista' jinħatar biss fl-ambitu ta' stralċ u fl-ebda ambitu ieħor. Jikkjarifikaw li l-kawża ċitata mir-rikorrent **Lonavi** ma kinitx tittratta l-ħatra ta' amministratur proviżorju iżda ta' direttur addizzjonali fuq il-Bord. Jispjegaw li f'dak il-każ il-Qorti qalet li setgħet tagħti miżura *interim* iżda t-talba f'dik il-kawża ma kinitx għal amministratur proviżorju. Jinsistu li amministratur proviżorju jista' jinħatar biss fl-ambitu ta' stralċ u għalhekk ladarba jirriżulta li din odjerna mhix kawża ta' stralċ - allura jsegwi li amministratur proviżorju ma jistax jinħatar.

Fir-rigward tal-ħtieġa ta' amministratur proviżorju jgħidu li ma hemm l-ebda prova li twassal għall-ħtieġa tal-istess. Isostnu li ma hemm ebda *deadlock* meta l-intimati Bartolo għandhom il-maġġoranza, jikkontendu li r-rikorrent qed jeskludi lilu nnifsu billi ma jattendix għal-laqgħat. Fl-aħħarnett jgħidu li dwar il-kwistjoni tal-ħlasijiet dawn jirriżultaw mill-kotba. Isostnu li kull meta saru kontijiet annwali r-rikorrent iffirma l-istess u b'hekk ċertament li kien jaf dwarhom.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

L-azzjoni rikorrenti hija bbażata fuq l-artikolu 402 tal-Kap 386 tal-Liġijiet ta' Malta, iżda din is-sentenza *in parte* tirrelata biss mat-tieni talba rikorrenti fejn il-Qorti qegħda tintalab tagħti ordnijiet *pendente lite* sabiex tissalvagwardja l-interessi tal-kumpanija, u senjatament taħtar amministratur provvizorju.

Din il-Qorti tirrileva li skond dak li hemm provdut fis-sub-artikolu (3) tal-artiklu 402, il-Qorti għandha s-setgħa li tipproċedi biex tagħmel kull ordni neċessarja u opportuna, jekk jirriżulta li l-ilment tal-azzjonista għandu mis-sewwa u jekk il-Qorti tħoss li huwa ekwu u ġust li tagħmel hekk.

Fil-Liġi Ingliża (Art. 459 tal-Companies Act 1985) jinstab rimedju simili magħruf bħala "The Unfair Prejudice Remedy". Il-Qorti ta' l-Appell Ingliża stabbiliet fil-kawża "**Saul D. Harrison & Sons plc**" ([1995]) 1BCLC il-linji ta' gwida dwar kif kellu jkun operat biex ikun jista' jitqies bħala, "unfairly

prejudicial" (fit-test Malti tal-liġi tagħna, din il-frazi hi tradotta "b'mod mhux ġust ta' preġudizzju").

Fl-ewwel lok, wieħed irid jara jekk dak l-operat kienx jew le skond l-istatut tal-kumpanija. Iżda fl-applikazzjoni ta` din id-dispozizzjoni – ispirata fuq prinċipji ta' ekwita` aktar milli minn drittijiet strettament legali – il-Qorti tieħu in konsiderazzjoni l-aspettativi leġittimi ("legitimate expectations") li r-rikorrent jista' jkollu.

Din il-Qorti ssostni li l-Artiklu 402 tal-KAP 386 tal-Liġijiet ta' Malta huwa ispirat mhux minn konċetti legalistiċi iżda minn prinċipji ta' ekwita` u ġustizzja li jirrikonoxxu interessi u aspettativi li jmorru oltre' l-elma tal-istatut tas-soċjeta` jew addirittura tal-liġi stess. Il-Qorti għandha poteri diskrezzjonali vasti ħafna fejn si tratta ta` rimedji li tista' tipprovdi meta tara li għandha tagħti ħarsien lill-azzjonista kontra preġudizzju mhux ġust.

Speċifikament dwar miżuri interim din il-Qorti tosserva l-insenjament ta' din il-Qorti kif diversament preseduta, fl-ismijiet **Patricia Apap Bologna vs Raphael Bianchi et** deċiża fis-16 ta' Diċembru 2010 fejn il-Qorti kienet affaċjata bis-segwenti talba:

> *4. Taghti dawk ir-rimedji immedjati illi jidhrilha xierqa sabiex jigu mharsa l-jeddijiet kollha* ***nkluz bil-hatra immedjata ta` amministratur provvizorju*** *sabiex jiehu f`idejh l-avvjament u tmexxija ta` l-istess kumpanniji sakemm tigi deciza din il-kawza u dan a tenur ta` l-Artikolu 228 ta` l-Att dwar il-Kumpanniji li ghandu applikazzjoni anke f`din il-kawza a tenur ta' l-Artikolu 402(4) ta' l-istess Att dwar il-Kumpanniji.*

Tosserva li l-Qorti ghamlet din l-osservazzjoni:

> *Fil-Kapitolu 16 (minn pag.959 sa 1029) tal-ktieb "****Principles of Maltese Company Law****" (Malta University Press – 2007) il-Prof Andrew Muscat jittratta s-suggett ta` Statutory Shareholder Remedies : Unfair Prejudice and Winding Up. Minn pag.997, jittratta Remedies available under article 402. In partikolari, iqis dawk maghrufa bhala interim orders u jghid hekk –*
>
> *Before examining the different types of order that can be made by the court, a preliminary question should be considered : whether a court may issue an interim order pending final judgement. The position in English law is that English courts do, where appropriate, have the power to issue*

> *interim orders – usually orders for payment on account or orders designed to preserve the status quo. The Maltese Companies Act is silent on the question of whether a court, seized of an issue under article 402, is entitled to issue an interim order. Nor does any jurisdiction result from any general provision in the Code of Organisation and Civil Procedure. It is significant that where the legislator wished to grant to a court the power to make interim orders, the legislator did so by express provision, as with the power of the court to issue a "provisional order" under article 37(5) of the Merchant Shipping Act (prohibiting dealings in a ship until the court definitely decides on the merits) and the power of the court to initially issue a warrant of prohibitory injunction for an "interim period" under article 873(7) of the Code of Organisation and Civil Procedure. In practice, situations may sometimes arise where the issue of an interim order would be necessary to protect the interests of the complainant or of the company. The introduction of an amendment to article 402 would allow the court to issue interim orders would be another helpful tool in the court`s arsenal against oppressive, unfairly prejudicial or unfairly discriminatory conduct ...*

Il-Qorti mbagħad kompliet billi kkonkludiet is-segwenti:

> *Ladarba l-azzjoni tal-lum hija a tenur tal-Art.402, l-ordnijiet li din il-Qorti ghandha diskrezzjoni li taghmel skond is-subinciz (3) fejn tkun tal-fehma li l-ilment ikun bazat sewwa u li jkun gust u ekwu li hekk taghmel huma dawk elenkati minn (a) sa (g) - fosthom hemm l-ordni ta` xoljiment u stralc konsegwenzjali skond (g). Anke mid-dicitura tal-Art.402 fl-assjem tieghu, huwa evidenti li l-Qorti ma tistax tahtar amministratur provvizorju kif qeghda titlob ir-rikorrenti. Fl-istat tad-dritt kif inhu llum, il-Qorti hija prekluza milli taghmel il-hatra li trid ir-rikorrenti. Huwa biss meta l-Qorti (ghax tkun tal-fehma li l-ilment ikun bazat sewwa u li jkun gust u ekwu) li ghandha tordna x-xoljiment u stralc konsegwenzjali li japplikaw id-disposizzjonijiet tas-Sub-Titoli I u III tat-Titolu II tatTaqsima V ta` dan l-att li jirregolaw l-istralc ta` kumpanniji (ara s-subinciz [4]).*

Tosserva wkoll l-insenjament tagħha, kif diversament preseduta, fis-sentenza fl-ismijiet **Lonavi Properties Limited vs Balkan Power Invest Holding Limited** deċiża fid-9 ta' Ġunju 2011, fejn il-Qorti kellha quddiemha s-segwenti talba:

> *sabiex anke nel frattemp din il-Qorti tiehu dawk il-mizuri kollha interim sabiex, sakemm jinhatar direttur sabiex jirrapprezenta lil Balkan u jiehu dawk il-mizuri konservattivi sabiex jigu mharsa d-drittijiet taghha bhala azzjonista ta` Balkan u taghti ordni sabiex ilkumpannija intimata tigi projbita milli tiddisponi, iccedi, tittrasferixxi, taljena, tipoteka u/jew tghabbi b`pizijiet, bi kwalsiasi mod, l-assi u n-negozju kemm taghha, kif ukoll tas-socjetajiet sussidjarji u kif ukoll sabiex tigi projbita milli tokkulta l-kotba tan-negozju taghha u kif ukoll tas-socjetajiet sussidjarji.*

Tosserva li l-Qorti qalet:

> ***Ghall-kaz tal-lum****, din il-Qorti tghid li ma jidhrilhiex li ghadha tadotta posizzjoni rigida u nflessibbli fl-ghoti ta` interim measures ghaliex* ***the Maltese Companies Act is silent on the question of whether a court, seized of an issue under article 402, is entitled to issue an interim order*** *(kif sostna Prof Muscat).*
>
> *Jidher li l-Qrati nghataw diskrezzjoni pjuttost wiesgha, kemm biex jiddeciedu jekk kienx hemm agir "mhux gust ta' pregudizzju", u kemm fir-rimedji li jistghu jaghtu. Ghalkemm l-Art.402 isib l-ghajn ta` riferenza tieghu fl-Art.459 tal-Companies Act Ingliza (op. cit.), fejn jidher li dak l-artikolu kien intiz li jipprovdi rimedju definittiv fl-istess waqt irid jinghad li ma jistax jigi eskluz li tenut kont tac-cirkostanzi partikolari ta` kull kaz u sitwazzjoni il-Qrati jistghu u ghandhom jaghtu rimedji temporanji, jekk hekk ikun mitlub jew jekk hekk ikun jidher opportun.*
>
> *Il-protezzjoni tad-drittijiet tal-minority shareholders dejjem kienet fonti ta` thassib ghall-Qrati, u ghalkemm ilgurisprudenza lokali u dik Ingliza kienet toffri il-protezzjoni taghha, ir-rimedji dejjem kienu limitati u soggetti ghal diversi restrizzjonijiet (ara - is-sentenza ta' l-Qorti talAppell fil-kawza "****Bonnici Cachia vs Agius e****t", deciza fis6 ta' Novembru,*

*1991, u "**Falla vs Sorotos**" deciza ukoll mill-Qorti tal-Appell fit-12 ta' Marzu, 1976).*

*Kif qalet il-Qorti tal-Appell fis-sentenza taghha tad-9 ta` Marzu 2007 fil-kawza "**Vella et vs Vella Brothers Limited et**" meta kkonfermat id-decizjoni fl-Ewwel Istanza –*

*Il-hsieb wara dan l-artikolu (u cioe` l-Art.402) huwa li jiftah l-iskop ta' intervent da parti mill-Qorti, u din il-Qorti tkun qed taghmel "disservice" lill-azzjonisti minoritarji jekk tkun hi li terga taghlaq parzjalment il-bieb li fetah il-legislatur bl-Artikolu 402. Bis-sahha ta' dak l-artikolu, il-Qorti tista' taghti dak ir-rimedju li jidhrilha li jkun opportun, inkluz allura, rimedji u ordnijiet temporanji li jservu biex jigi rispettat l-istatus quo sakemm tigi mistharrga kwistjoni jew sakemm tigi rizolta sitwazzjoni ta' konflitt fi hdan il-kumpannija.*

*Ovvjament, dan ma jfissirx li r-rimedju mitlub se jinghata, ghax il-Qorti ghad trid tisma' l-provi u t-trattazzjoni dwar il-kwistjoni li nqatghet, imma l-Qorti hi tal-fehma li rimedju jista' jinghata …*

*Din il-Qorti sejra taghmel taghha dan l-insenjament, ghax hija tal-fehma li japplika ghall-kaz tal-lum, u tghid li ghandha kull jedd a tenur tal-Art. 402 li taghti interim measures u cioe` ordnijiet temporanji li jservu biex jigi rispettat l-istatus quo sakemm tigi mistharga kwistjoni bejn l-azzjonisti jew sakemm tigi rizolta sitwazzjoni ta' konflitt fi hdan il-kumpannija.*

Magħruf dan l-insenjament, il-Qorti għalhekk tqis li huwa ċar li għalkemm din il-Qorti għandha setgħa wiesa' li tagħti miżuri *interim* anke meta tkun qed tittratta azzjoni ai termini tal-Artikolu 402 tal-Kap 386 tal-Liġijiet ta' Malta, m'għandhiex is-setgħa li fi proċeduri ta' din ix-xorta, hija taħtar amministratur proviżorju u dana stante li l-amministratur proviżorju huwa kkontemplat biss mil-liġi f'każ ta' talba għal stralċ.

Huwa ċar ukoll pero' illi fejn il-Qorti jidhrilha illi għandha tintervjeni anke b'miżuri interim fi proċeduri bħal dawn odjerni ai termini tal-Artikolu 402 tal-KAP 386, allura *il-Qorti tista' taghti dak ir-rimedju li jidhrilha li jkun opportun, inkluz allura, rimedji u ordnijiet temporanji li jservu biex jigi rispettat l-istatus quo sakemm tigi mistharrga kwistjoni jew sakemm tigi rizolta sitwazzjoni ta' konflitt fi hdan il-kumpannija.*

## Ikkunsidrat Ulterjorment:

Magħruf għalhekk l-insenjament ġuridiku illi fih din il-Qorti qegħda topera u tasal għal konkluzjonijiet tagħha, il-Qorti tqis illi jrid jitqies, u għalhekk jinħtieġ illi teżamina t-talba partikolari magħmulha mir-rikorrent f'dawn il-proċeduri - li hija s-segwenti:

> *Tagħti dawk l-ordnijiet kollha li jidhrilha xierqa u opportuni sabiex pendente lite, jkun hemm tmexxija serja u xierqa tas-soċjeta' intimata kif del resto huwa rikjest mill-Att dwar il-Kumpanniji, u dana fl-interess tar-rikorrenti u tenut kont tal-interessi tal-kumpanija intimata, inkluż, f'każ li s-sitwazzjoni tal-kumpannija hekk tiġġustifika, is-sospensjoni tal-funzjonijiet eżkuttivi tal-konvenuti Bartolo qua diretturi tagħha, u l-ħatra t'amminsitratur provvizorju sabiex jaqdi dawk il-funzjonijiet u setgħat dwar l-amministrazzjoni tal-beni jew innegozju tagħha.*

Il-Qorti tqis illi b'din it-talba, ir-rikorrent mhux qed jitlob <u>biss u esklussivament</u> il-ħatra ta' amministratur provvizorju. Ir-rikorrent, qed tifhem il-Qorti, qed jitlob illi *pendente lite*, *jkun hemm tmexxija serja u xierqa tas-soċjeta' intimata kif del resto huwa rikjest mill-Att dwar il-Kumpanniji,* u għal dan il-għan, qed jitlob illi din il-Qorti *tagħti dawk l-ordnijiet kollha li jidhrilha xierqa u opportuni*, inkluż (imma mhux esklussivament) bil-ħatra ta' amministratur provvizorju.

Il-Qorti tqis illi t-talba għal ħatra ta' amministratur provvizorju qed tiġi magħmula bħala waħda mill-alternattivi – ħaġa pero', illi, għar-raġunijiet u l-konsiderazzjonijiet hawn fuq mogħtija, din il-Qorti mhix ser tilqa'.

Il-Qorti tqis pero' illi, għal mod kif inhi postulata t-talba, hija għanda issa tara għandhiex, a bazi tal-provi mressqa, tipprovdi għal miżuri interim oħra li l-Qorti jista' jidhrilha opportuni illi timpani, pendenti dawn il-proċeduri, mhux lanqas, sabiex iseħħ l-ovvju, ossia, illi jkun hemm tmexxija serja u xierqa tas-soċjeta' intimata kif del resto huwa rikjest mill-Att dwar il-Kumpanniji.

### Ikkunsidrat Ulterjorment:

Illi stabbilit dan għalhekk, il-Qorti trid tibda biex tagħmilha ċara fl-ewwel lok illi tkun xi tkun din id-deċiżjoni, dan ma għandux jinftiehem illi l-Qorti qed tesprimi ruħha fuq il-mertu, liema mertu għandu u ser jiġi deċiż fis-sentenza finali għal dawn il-proċeduri.

Fit-tieni lok, il-Qorti trid tagħmilha ċara illi filwaqt illi hija għandha diskrezzjoni wiesa' sabiex timponi *mizuri interim*, b'dan kollu tali mizuri ma jiġux mogħtija b'mod leġġer u l-Qorti tuża d-diskrezzjoni tagħha b'mod kawt, limitat u mingħajr ma toħloq indħil zejjed u inutli fl-andament tal-kumpannija, partikolarment f'dan l-istadju bikri tal-proċeduri, sakemm ma tħossx illi jkun hemm provi li verament juru u jindikaw illi jkun meħtieġ intervent xieraq sabiex il-kumpannija timxi mal-liġi pendent il-proċeduri, mingħajr b'daqshekk ma jkun qed jintefa' ħtija fuq ħadd.

Huwa minn lewn id-dinja, imma kultant l-ovvju ukoll importanti illi jiġi espress, illi kull kumpannija kummercjali għandha titmexxa b'mod serju u fl-interess tagħha stess u tal-membri tagħha. Il-Qorti ma tixba' qatt tisħaq kemm huwa importanti illi l-uffiċjali kollha ta' kumpannija jieħdu ħsieb il-governanza tajba (*good governance)* tal-istess kumpannija.

Kif jgħid l-Artikolu 136A tal-KAP 386 tal-Liġijiet ta' Malta, kull direttur għandu jaġixxi b'onesta u *bona fede* fl-interess tal-kumpannija. Qed jingħad l-ovvju - illi kumpannija kummerċjali għanda titmexxa mid-diretturi b'mod diligenti, bil-*fair* u skond il-liġi u l-istatut illi jirregolha.

Issa għal finijiet ta' din is-sentenza parzjali, il-Qorti qed tqis, irrispettivament mill-mertu u l-provi li tressqu fuq il-mertu li għad irid jiġi deċiz il-quddiem, illi hija għandha tintervjeni sabiex *pendente lite* l-kumpannija titmexxa skond il-liġi u skond l-istatut tagħha. Il-Qorti qed tagħmilha ċara illi hija qed tintervjeni BISS peress illi hija pre-okkupata bid-deterjorazzjoni tar-relazzjoni bejn il-membri tagħha u d-diretturi, mhux lanqas minħabba d-deterjorazzjoni tar-relazzjoni familjari bejniethom li jidher illi qed ikollha impatt fuq l-andament tal-kumpannija.

### Ikkunsidrat Ulterjorment:

Illi r-rikorrenti **Alfred Pace** igħid illi Malcolm Bartolo huwa r-raġel ta' bintu u li <u>t-tilwim kummerċjali bejniethom wassal għal diżgwid personali</u>.

Min-naħa l-oħra, **Malcolm Bartolo** jgħid illi <u>ma jixtieqx li s-sitwazzjoni ta' diżgwid fil-familjari jippersisti</u>.

Ukoll, ir-rikorrent **Alfred Pace** jgħid illi huwa ma jkunx mistieden għal-laqgħat tal-bord tad-diretturi, iżda **Etienne Bartolo** jgħid li laqgħat tad-diretturi u tal-azzjonisti <u>**kienu**</u> jsiru meta jiġu ppreżentati l-*accounts* tal-kumpanija u jfiehem illi minħabba <u>**li kienu**</u> jitkellmu, ma kienx isir avviż formali għal-laqgħat.

F'kuntest bħal dan, il-Qorti, filwaqt illi tifhem illi minħabba l-familjarita' illi kien hemm, allura ċertu proċeduri ma kienux isiru kif strettament suppost (mhix tiskuża aġira bħal dan), b'dana kollu il-Qorti ma tistax ma tkunx pre-okkupata mill-fatt illi jekk ir-relazzjonijiet bejn il-partijiet, kemm fuq livell professjonali u kif ukoll fuq livell familjari, iddeterjorat, allura ċertament illi indipendentament minn dak li kien isir qabel – huwa meħtieġ illum, fis-sitwazzjoni kif żvolgiet, illi l-Qorti tintervjeni bil-għan illi ma jkomplux jiddeterjoraw l-affarijiet b'detriment għall-kumpannija u bil-għan fuq kollox illi l-kumpannija titmexxa, mqar sakemm qegħda taħt l-iskrutinju tal-Qorti, skond il-liġi u kif l-aħjar jixraq, b'laqgħat mhux sparsi jew rari, imma regolari.

Huwa f'dan il-kuntest illi l-Qorti sejra tagħti l-ordnijiet tagħha *pendente lite*, peress illi fis-sitwazzjoni partikolari ta' dan il-każ, jidhrilha illi jekk ma jkunx hemm intervent anke fuq dak li jidher ovvju, allura tista' ssir ħsara akbar. Il-Qorti tħoss illi jekk ma tintervjenix, allura huwa wisq probabbli illi laqgħat jistgħu ma jsirux jew ma jsirux kif jixraq minħabba l-problema ta' komunikazzjoni li jidher illi sfortunatament żvolġiet.

Għalhekk, il-Qorti qed tissolleċita lill-partijiet kollha sabiex jieħdu il-miżuri *interim* li ser takkorda l-Qorti fi spirtu tajjeb, fl-aħjar interess tagħhom kollha, b'sens ċivili, b'mod dinjituż u bi skop li jressaqhom dejjem aktar viċin professjonalment, u tazzarda tgħid, anke familjarment.

Il-Qorti tqis illi fuq kollox sakemm hemm il-bona fede, jista' jkun illi ma jkunx hemm qbil fuq kollox, imma sakemm il-partijiet ikunu qegħdin fit-triq tar-riżoluzzjoni tal-pendenzi ta' bejniethom, il-*buon sens* u l-maturita' titlob illi l-partijiet jħarsu l-quddiem mingħajr biża' fl-aħjar interess tal-kumpannija.

**GĦALDAQSTANT, magħmula dawn il-konsiderazzjonijiet u wara l-apprezzament tal-fatti rilevanti illi sar għal finijiet ta' din is-sentenza in parte, il-Qorti qiegħda tgħaddi sabiex:**

1. **Tilqa' l-eċċezzjonijiet tal-intimati fir-rigward tat-talba għal ħatra ta' amministratur provviżorju, senjatament il-paragrafi 11 sa 17 tar-risposta tal-intimati.**

2. **Tilqa' t-tieni talba tar-rikorrenti limitatament fis-sens illi filwaqt illi <u>tiċħad</u> dik il-parti tat-talba riferibbli *għas-sospensjoni tal-funzjonijiet eżekuttivi tal-konvenuti Bartolo qua diretturi tal-kumpannija u l-ħatra ta' amministratur provvizorju sabiex jaqdi dawk il-funzjonijiet u setgħat dwar l-amministrazzjoni tal-beni jew in-negozju tagħha,* imma, <u>tilqa'</u> dik il-parti fejn il-Qorti ntalbet *tagħti dawk l-ordnijiet kollha li jidhrilha xierqa u opportuni sabiex pendente lite jkun hemm tmexxija serja u xierqa tas-socjeta' intimata kif rikjest mil-ligi*, u għal dan il-għan qegħda tordna:**

   a) **Illi fis-seduta tal-lum, il-partijiet jiddikjaraw xi provi fadlilhom jressqu u jsir programm għall-prosegwiment ta' dawn il-proċeduri bil-għan illi l-ġbir tal-provi f'din il-kawża ma jtulx inutilment u tingħata sentenza fil-mertu mingħajr dewmien;**

   b) **Illi sakemm tkun deċiża din il-kawża b'mod definittiv, il-bord tad-diretturi għandu jitlaqqa' almenu darba kull xagħrejn u l-Qorti qed tordna illi l-ewwel laqgħa tal-bord tad-diretturi hekk ordnata għanda tinżamm nhar il-Ġimgħa 28 ta' Frar 2025 fit-3:00p.m. fl-uffiċċju reġistrat tal-kumpannija, bl-uniku item fuq l-aġenda għal din il-laqgħa tkun l-istat finanzjarju attwali tal-kumpannija u għal dan il-għan għandu jattendi għal-laqgħa l-*accountant*/kontrollur finanzjarju tal-kumpannija;**

   c) **Illi fi tmiem il-laqgħa ordnata, id-Diretturi għandhom jiftehmu fuq d-data tal-laqgħa sussegwenti, li għandha tinżamm entro l-perjodu ta' xahrejn hawn fuq ordnat;**

   d) **Illi s-segretarju tal-kumpannija għandu jieħu ħsieb illi jiċċirkola l-minuti tal-laqgħat sa mhux aktar tard minn ġimgħa mid-data tal-laqgħa miżmuma u għandu jiċċirkola l-avviż u l-aġenda tal-laqgħa li jkun imiss almenu tlett ijiem qabel il-laqgħa imma mhux aktar tard minn ġimgħa qabel tali laqgħa.**

e) Illi kull direttur illi jkun jixtieq illi fuq l-agenda tidħol item partikolari għad-diskussjoni, għandu jgħarraf b'dan lis-segretarju almenu gimgħatejn qabel id-data tal-laqgħa li jkun imiss.

Filwaqt illi tissollecita lill-partijiet sabiex jaġixxu dejjem b'għaqal u b'dinjita', il-Qorti qegħda tagħmilha ċara illi jekk jirriżultalha illi dawn l-ordnijiet mhux qed jiġu seġwiti, allura qed tirriżerva illi tieħu dak id-deċiżjonijiet kollha xierqa u opportuni, mhux lanqas mizuri ta' disprezz jekk u fejn ikun appplikabbli. Qed tirriżerva ukoll, ġjaladarba huma miżuri interim applikabbli pendente lite, illi tvarja, iżżid jew tnaqqas tali miżuri jekk u f'eventwalita' illi ssir talba għal dak il-għan u l-Qorti jdhrilha li tkun mistħoqqa.

L-ispejjeż ta' din is-sentenza qed jiġu riżervati għal ġudizzju finali.

Ian Spiteri Bailey
Onor. Imħallef

Amanda Cassar
Deputat Reġistratur